

Addendum għall-Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali — EPSO/AD/373/19 — Amministraturi (AD 5)*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 177 A tat-23 ta' Mejju 2019)**(2020/C 444 A/02)*

1. Minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19, mis-6 ta' Marzu 2020 'l quddiem, l-EPSO kellu jinterrompi u jissospendi l-attivitajiet tiegħu relatati mal-kompetizzjonijiet li għaddejjin, sabiex jiżgura l-miżuri ta' prekawzjoni xierqa kollha f'konformità mal-istruzzjonijiet u l-linji gwida pprovduti mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-awtoritajiet nazzjonali. B'mod partikolari, dan affettwa l-organizzazzjoni tat-testijiet bi preżenza fiżika fil-bini tal-EPSO jew f'wieħed miċ-ċentri akkreditati tal-EPSO. L-EPSO inizjalment kien qed jippjana li jerġa' jibda l-ittestjar minn nofs Settembru 2020. Madankollu, minħabba s-sitwazzjoni attwali tal-COVID-19, li fiha l-awtoritajiet nazzjonali introduċew miżuri li jipprojbixxu laqgħat kbar ta' nies u jillimitaw l-ivvjagħar għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, mhux se jkun possibbli li jiġu organizzati testijiet bi preżenza fiżika fil-bini tal-EPSO fil-futur prevedibbli.

2. Biex jikkonkludi l-kompetizzjonijiet ġenerali f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-EPSO se jiddetermina l-aħjar mod ta' ttestjar għal kull kompetizzjoni u jinforma lill-kandidati fi żmien xieraq. Għalhekk it-testijiet kollha relatati mal-kompetizzjoni msemmija hawn fuq issa se jsiru jew mill-bogħod jew f'wieħed miċ-ċentri tat-testijiet akkreditati tal-EPSO.

L-ittestjar online mill-bogħod jippermetti lill-kandidati jaġhmlu t-testijiet id-dar, fl-uffiċċju eċċ. mingħajr ma jkollhom bżonn jivvjagħaw lejn ċentru tal-ittestjar tal-EPSO. Tali ttestjar isir minn issa 'l quddiem permezz ta' videoconferencing online. Id-dettalji tekniċi kollha jiġu pprovduti fi żmien xieraq, inklużi struzzjonijiet dwar kif għandha tiġi ttestjata l-konnessjoni qabel il-jum attwali tal-ittestjar. Il-kandidati jridu jiċċekkjaw il-profil tal-EPSO tagħhom mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa.

3. Fil-każ tal-ittestjar fiċ-ċentri akkreditati tal-EPSO, il-kandidati jkunu jistgħu jaġhżlu minn fost għadd kbir ta' dawk iċ-ċentri tal-ittestjar kemm madwar l-Ewropa kif ukoll madwar id-dinja. Jittieħdu l-miżuri sanitarji kollha li huma meħtieġa għall-iskop li jsir it-test f'dawn iċ-ċentri tat-testijiet.

4. L-istediniet għat-testijiet jiġu ppubblikati fil-kontijiet EPSO tal-kandidati.

5. Għal din il-kompetizzjoni, ġie pplanat eżerċizzju ta' grupp fiċ-ċentru ta' valutazzjoni. Minflok, il-kandidati kollha se jiġu mistiedna jaġhmlu intervista bbażata fuq il-kompetenza tas-sitwazzjoni (SCBI), li għandha tiġi organizzata mill-bogħod bl-użu ta' vidjokonferenzjar online. It-tul ta' żmien tal-SCBI se jkun bejn 30 u 40 minuta. Din il-bidla fit-testijiet hija minħabba li mhuwiex possibbli li jitwettaq l-eżerċizzju tal-grupp mill-bogħod b'mod sodisfaċenti. Jekk jitfaċċaw problemi tekniċi, id-dinamika tal-grupp tista' tiġi kompromessa u l-kandidati parteċipanti jkollhom impatt negattiv.

L-SCBI se tittestja l-istess kompetenzi ġenerali bħall-eżerċizzju tal-grupp billi tistaqsi lill-kandidati kif se jirreaġixxu f'sitwazzjoni speċifika. Dan jikkonsisti f'laqgħa online individwali ma' intervistatur imħarreġ li jipprovdi informazzjoni addizzjonali matul l-intervista, skont kitba semistrutturata.

Bejn wiehdu u ieħor ġimagħtejn sa tliet ġimgħat qabel il-bidu tal-perjodu tal-ittestjar SCBI, il-kandidati jirċievu inkarigu bil-miktub u informazzjoni ta' sfond biex jgħinuhom iħejju ruħhom. Fl-inkarigu, il-kandidati jintalbu jieħdu post kollega u jassumu r-responsabbiltà għal diversi kompiti u sitwazzjonijiet li jridu jiġu diskussi matul l-intervista. Jiġu inklużi wkoll sitwazzjonijiet addizzjonali, mhux ibbażati fuq l-inkarigu. Matul l-intervista, il-kandidati jitħallew jikkonsultaw l-inkarigu bil-miktub u l-informazzjoni ta' sfond.

Il-kandidati jiġu intervistati minn membru tal-persunal tal-UE. Żewġ Membri tal-Bord tas-Selezzjoni josservaw u jivvalutaw il-prestazzjoni ta' kull kandidat u jaġhtu l-punteġġ tal-kompetenzi koperti mit-test. L-intervistatur ma jkunx involut fil-valutazzjoni tal-kandidat.